# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXIV (G)**
**Illum il-Gimgha, 2 ta' Marzu, 2001**

**Appell Nru 211/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Said**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Said talli nhar is-Sibt, 6 ta’ Mejju, 2000 u fix-xhur ta’ qabel, fir-residenza tieghu (**1**) zamm tlett iklieb ta’ razza differenti minghajr ma kienu licenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija, (**2**) u aktar, talli fl-istess data u fix-xhur ta’ qabel halla l-istess klieb jiggerrew fit-toroq minghajr ma kienu marbuta u mizmuma minn persuna li ghandha l-hila tindukrahom, u dana b’perikolu ghan-nies li jkunu jaghmlu uzu mill-istess triq, u (**3**) talli fl-istess data fit-triq ir-Ramla, Nadur, naqas li jzomm il-klieb tieghu milli jdejjqu lill-Carmela Muscat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta’ Settembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Angelo Said hati skond l-imputazzjonijiet kollha, ikkundannatu ammenda ta’ hames liri (Lm5), u ordnat id-distruzzjoni tal-klieb fi zmien jumejn mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Angelo Said, minnu ppresentat fil-11 ta’ Ottubru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravji tal-appellant huma tnejn u qed jigu hawn riprodotti *verbatim*:

"Qed jigi ikkontestat bhala fatt illi l-imputat ittraskura l-klieb tieghu u hallihom jiggerrew mat-toroq jew inkella hallihom idejjqu lil girien. Huwa veru li l-esponenti ghandu dawn il-klieb li isservu [**recte:** jservu] bhala klieb tal-ghassa.
"Illi qeghda tigi ikkontestata il-piena kif ukoll l-ordni tal-Qorti li dawn il-klieb ghandhom jigu distrutti, peress li tali ordni ma hiex ibbazata fuq provvediment legali applikabbli ghal kwistjoni";

Jinghad mill-ewwel li ma huwa xejn car ghal dina l-Qorti liema huma ezattament ir-reati li qed jigu ipotizzati fit-tieni u fit-tielet imputazzjonijiet. Parti mill-kliem adoperati fit-tieni imputazzjoni donnhom huma mehuda mill-paragrafu (ii) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 38 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija; pero` din id-disposizzjoni tirreferi ghas-sitwazzjoni meta jkun hemm ordni specifiku, mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija, dwar il-klieb, li ma jidhirx li hu l-kaz odjern. It-tielet imputazzjoni certament ma tipotizzax ir-reat kontemplat fl-Artikolu 155 tal-Kap. 10 (kif donnha fehmet l-ewwel qorti meta addirittura kkwotat l-imsemmi artikolu fis-sentenza taghha) – din id-disposizzjoni, cioe` l-Artikolu 155 tal-Kap. 10, tirreferi ghall-inkonvenjent kagunat minn annimali li jkunu <u>maghluqa f'post</u> u mhux annimali li jkunu jiggerrew fit-triq.

Mill-kumpless tal-provi jirrisulta li l-appellant ghandu numru ta' klieb – mill-anqas tlieta – li huwa jhalli jiggerrew fir-residenza tieghu, u xi mindaqqiet dawn johorgu fit-triq specjalment meta jkun ghaddej xi hadd proprju minn dik it-triq. Jirrisulta wkoll li l-kwerelanti Carmela Muscat, li spiss tghaddi minn dik it-triq u li tibza' hafna minn dawn il-klieb, mhux l-ewwel darba li kellha terga' lura minn fejn tkun giet proprju minhabba fihom; jew inkella jkollha tieqaf, issejjah lill-appellant jew lil martu, u dawn imbghad isejjhu 'l klieb b'mod li Muscat tkun tista' tkompli ghaddejja mit-triq. Mid-deposizzjoni ta' l-istess Carmela Muscat ma jirrisultax li dawn il-klieb qatt attakkawha, gidmuha jew altrimenti ghamlu ghaliha biex jattakkawha jew jigdmuha: huma semplicement johorgu jduru ma saqajha u jinbhu u jippruvaw jitilghu maghha, u hi – forsi bir-ragun – tibza' minnhom. Ghalhekk dawn il-klieb huma certament inkonvenjent, pero` b'ebda mod ma jista' jinghad li dawn huma "ta' perikolu ghan-nies" fis-sens tal-Artikolu 14(1) tal-Kap. 312. Jidher li l-ewwel qorti ordnat id-distruzzjoni tal-klieb in kwistjoni proprju in forza tal-imsemmi Artikolu 14.

Kif inghad aktar 'l fuq, pero`, la t-tieni u anqas it-tielet imputazzjoni ma jipotizzaw reat rikonoxxut mill-ligi taghna, fis-sens li l-fatt kif migjub f'dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma jikkostitwix reat. Fin-nuqqas ta' regolamenti maghmula taht l-Artikolu 19 tal-Kap. 312, l-inkonvenjent ikkagunat minn klieb jiggerrew fit-toroq ma jammontax *per se* ghal reat; dak il-fatt, izda, jaghti s-setgha lil ufficjal tal-pulizija li jaqbad dak il-kelb li jkun hekk jiggerra u jzommu sa ma sidu jirreklamah lura, jipproduci l-licenzja tal-kelb u jhallas l-ispejjez kollha relattivi ghaz-zamma ta' dak il-kelb (Artikolu 10 tal-Kap. 312). Effettivament <u>wara d-data li ghalihom jirreferu l-imputazzjonijiet</u> gew fis-sehh regolamenti, maghmula taht l-imsemmi Artikolu 19, li jaghmluha reat li wiehed ihalli kelb jiggerra. Dawn huma r-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Kontroll tal-Klieb (A.L. 242/2000), li gew pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta'

Novembru, 2000 u li gew fis-sehh biss fl-1 ta' Jannar, 2001[1]. Ghalhekk dawn ir-regolamenti ma japplikawx ghall-kaz in dizamina

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell, u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet peress li ma jipotizzaw ebda reat rikonoxxut fil-ligi fis-6 ta' Mejju, 2000 u fix-xhur ta' qabel; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ordnat id-distruzzjoni tal-klieb fi zmien jumejn; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` fir-rigward tas-sejbien ta' htija skond l-ewwel imputazzjoni u fejn l-appellant gie kkundannat ammenda ta' hames liri.

Il-Qorti fl-ahharnett tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex, jekk il-klieb ta' l-appellant jibqghu jiggerrew fit-triq u jkunu ta' inkonvenjent, huwa jiehu l-passi necessarji skond il-ligi.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

---

[1] Ara wkoll, fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti, l-Artikolu 3(2)(3) tal-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja (Kap. 291) kif ukoll il-partita 11 ta' l-Iskeda annessa ma' l-imsemmi Att.